# *Aqta' Fjura u Ibni Kamra* ta' Immanuel Mifsud



Analiżi magħmula minn

*Leanne Ellul*

u

*Sephora Borg*



# Introduzzjoni

- It-titlu tal-poeżija mill-ewwel jixhed il-kontemporanjetà tal-poeżija; qed jirrifletti ħaġa li fi żmienna qed issir ħafna u ħaġa li tolqot l-għajn sensittiva ta' poeta bħal Mifsud b'kuntrast ma' poeżiji tradizzjonali fejn ħlief tifħir għall-fjuri ma kienx isir. Qabel ma wieħed jikkritika dejjem irid iżomm f'moħħu ż-żmien li xogħol ikun inkiteb fih.

- Barthes jikteb illi t-test jerġa' jitkellem b'potenzjal ġdid kull darba li jinqara u għandu multipliċità ta' tifsiriet għax fih m'hemmx tifsira fissa tal-awtur. Hawn il-ħsibijiet ta' Mifsud jinħassu qawwijin ħafna iżda fl-istess waqt il-kliem illi qed juża għandu maħżun fih tifsir akbar. F'waqtiet tinħass li hi kitba ta' Mifsud iżda fl-istess waqt, hi miftuma minnu bħala test ikbar. Mifsud jistqarr li jikteb għaliex "Illum naħseb li nikteb għax għandi xi ħaġa xi ngħid fuq is-soċjetà ta' madwari..." u dan l-għan f'din il-poeżija jidher li qed jintlaħaq fosthom permezz tal-istruttura partikolari li juża.

- Aspetti li se jispikkaw ferm f’din il-poeżija huma l-użu tal-baħar mislut mill-ambjent naturali u kif ukoll it-ton ironiku u ta’ kmand li jissensel matul il-poeżija kollha. Dawn huma żewġ aspetti li għal Mifsud imorru id f’id. Hu jħoss li Malta li soffokanti tort tagħna stess u allura l-baħar huwa mezz li permezz tiegħu jimraħ ’il barra: “Għaliex inħoss li pajjiżi huwa soffokanti. Mhux daqstant l-ispazju fiżiku daqskemm is-sitwazzjoni li rrendewh fiha l-politikanti u l-mexxejja l-oħra tagħna, għalkemm ovvjament l-ispazju għandu effett kbir ukoll, m’għandniex xi ngħidu. Malli bdejt insir konxju ta’ dawn ir-restrizzjonijiet qabadni estru kbir li nimraħ. Inħoss ħtieġa kbira ta’ beraħ fiżiku imma aktar minn hekk beraħ spiritwali li hawnhekk ma jagħtikx. Konsegwentament hemm il-ħtieġa kontinwa tal-ħarba, tal-ġirja ’l barra. Jien għandi relazzjoni stramba u skomda ħafna ma’ Malta. U t-tort ta’ dan kollu hu d-dramm ikrah tal-istorja ta’ dan il-pajjiż, speċjalment dak li ġara fl-adoloxxenza u ż-żgħożija tiegħi. L-istituzzjonijiet li bejniethom jiffurmaw il-poter f’Malta ġegħluni nisħet is-siegħa u l-mument li spiċċajt hawn minn tant irkejjen li hawn fid-dinja.”

# L-Analiżi

**IT-TITLU**

***Aqta ' Fjura u Ibni Kamra***

- It-**ton** tal-poeżija fit-titlu: **imperattiv**, ta' kmand. Interpretezzjoni?
- Indirizz kontinwu lill-qarrej; mit-titlu sal-aħħar.
- Kuntrast fil-lessiku użat: fjura meħuda mill-ambjent naturali u kamra mill-qasam tal-bini





*Aqta' fjura u ibni kamra ;*
*Aqla' siġra u tella' dar;*
*Imxi metru, ibni villa ;*
*Tinkwetax … dak li sar sar*

- **Leitmotif** ta' Mifsud; **il-fjuri** rikorrenti fil-kitbiet ta' Mifsud fosthom kif jidher mill-isem tal-ktieb *Il-Ktieb tar-Riħ u l-Fjuri* u l-ktieb li minnu hi meħuda din il-poeżija, *Riħ min-Nofsinhar* (għal aktar informazzjoni ara hawn: http://www.skarta.org/rih_min-nofsinhar.htm).
- **Paralleliżmu** fl-ewwel u fit-tieni vers għax fil-bidu dejjem qed isemmi t-tneħħija ta' xi oġġett naturali u fit-tieni parti, magħquda ma' tal-ewwel b'kunġunzjoni, dejjem qed isemmi ż-żieda ta' element ta' bini.
- Innota li fit-tieni vers l-elementi li jsemmi huma **ikbar**. Interpretazzjoni?
- **Versi ottonarji**- dan joħloq kuntrast mal-fatt li Mifsud jikteb ħafna **bl-endekasillabu**. Fi kliemu stess, "Bdejt nuża l-endekasillabu b'eżerċizzju ta' dixxiplina fuqi nnifsi. Bdejt inħoss li l-poeżija Maltija, taħt l-iskuża li l-vers liberu huwa l-vers awtentiku li wieħed 'jaħseb bih', bdiet issir dilettanteska, xi ħaġa li kapaċi jagħmel u jikteb kulħadd. Allura jum fost l-oħrajn iddeċidejt li niddixxiplina lili nnifsi. Forsi huwa snobbiżmu dan, nammetti u ma jiddispjaċinix. Illum il-ġurnata din id-dixxiplina tant daħlet fija li nista' ngħidlek li rari nagħmel korrezzjonijiet meta nikteb poeżija: moħħi sar jaħseb awtomatikament bl-endekasillabu. Ġieli naqbad lili nnifsi nitkellem bih ukoll."
- Dejjem qed **ikabbar fil-grad** eż. it-tip ta' bini. Hemm mill-element ta' ballun tas-silġ (*snowball effect*)?

- **L-użu tal-punteġġjatura.** X'nistgħu nikkummentaw? Ngħidu aħna tliet punti jagħtu ċans għal riflessjoni. Jekk inħarsu lejn il-poeżija mill-bogħod nintebħu li l-poeta qed ikun riflessiv.
- **Epiżewksi**
- Hemm l-għarfien tal-poeta bħala wieħed mill-poplu wkoll; bħall-poplu qed jaddotta l-idea li ġaladarba saret tant ħsara li hija irreparabbli, inutli tagħmel xi ħaġa. F'dan jinħass **it-ton ironiku /sarkastiku** tal-poeta li l-iskop li għalih jidher li hu dak li jniggeż u jġib lill-poplu konxju.
- Hawnhekk nemmnu li jaħdem ħafna l-għarfien li diġà jkollhom l-istudenti (*prior knowledge*) tat-tfal; jafu jew jużaw l-**ironija** huma stess (jista' jsir eżerċizzju tat-tħaddim tat-teknika użata fil-poeżija) u jridu jkunu jafu s-sitwazzjoni f'Malta x'inhi.
- Daqskemm il-poeżija hi lokali tista' tiġi applikata għal sitwazzjonijiet lilhinn minn Malta u viċeversa.
- **Stilistika**: iż-żwieġ bejn struttura tradizzjonali u kontenut imnebbaħ mid-dinja tal-lum/kontemporanju; l-istess kif jixhdu xi elementi fit-titlu.
- ABĊB; **rima mqabbża**.
- **Kwartina**

*Mur pass ieħor u ibni torri;*
*Itla' fl-għoli, miss is-sħab ;*
*Tinkwetax jekk sħaqt l-għelieqi.*
*Kulma ħlejt kien naqra trab .*

- Minbarra l-**mixja fiżika** li l-poeta qed jikkmanda lill-qarrej jagħmel, tinħass **mixja metaforika**, poetika. Dan jidher
  - Fl-**użu ta' kliem** marbut mal-bini li qed ikompli jikber eż. torri
  - Fir-**rabta tal-ideat** minn strofa għal oħra
  - Fl-użu kontinwu tal-**imperattiv**
  - Fl-insistenza fl-użu tat-**ton ironiku**
- **Referenza Bibblika**; allużjoni; fil-Ġenesi nsibu miktub hekk: "U reġgħu qalu: 'Ejjew nibnu belt għalina, u torri, bil-quċċata tiegħu tilħaq is-smewwiet, u nagħmlu isem għalina, ħalli ma nixterdux mal-wiċċ kollu tal-art.'"
- **Metafora**
- **Interpretazzjoni:** Minkejja li qered tant mill-ambjent naturali mhux qed jinteressah.

*Dur mal-kosta, fittex rokna;*
*Arma boathouse fuq il-blat;*
*Anki 'l baħar agħmel tiegħek*
*U ħallik mill-pixxispad.*

- L-**interpretazzjoni:** tant invadejna l-kosta li biex insibu rokna rridu nfittxuha.
- **Lessiku kontemporanju** meħud mid-dinja tal-lum.
- **Ton tal-oratorija** meħud mid-dinja tal-politiċi fejn ftit qabel l-elezzjoni jagħtu l-permess biex isir kollox.
- Element ta' possessjoni
- Jidħol l-aspett ta' **Mediterranjetà** permezz tal-baħar għaliex il-baħar li jmiss magħna huwa dak Mediterranju. Ġo fih, proprju nsibu l-pixxispad li hija ħuta Mediterranja u lokali u allura tinħoloq din ir-rabta bejn Malta u l-Mediterran. Il-punt fokali jibqa' Malta.
- Permezz ta' **kliem sempliċi** jirnexxielu jġibna f'tagħna xorta waħda!

*Tagħtix kas li l-baħar tiela'*
*Itla' fl-għoli anki int ;*
*Bnejt it-torri, itla' fuqu,*
*Ibda gawdi dak li ħdimt .*

- Is-**superjorità** li jħoss il-bniedem fuq il-qawwiet/l-aspetti l-kbar tan-natura. Din is-superjorità tal-bniedem tinħass minn dejjem. Fil-**ġrajja tat-Torri ta' Babel** fil-Ġenesi hemm miktub hekk: "U dan għadu l-bidu ta' xogħolhom; issa kull ma jiġihom f'rashom xejn ma jaqtgħalhom qalbhom!"
- Vers li jfakkarna fil-**qawl:** Dak li tiżra', taħsad!
- Qisha **somma loġika**- dak li ħdimt għalih, gawdih!

*Issa isma' x'qed jgħidulek:*
*Ħdejn il-baħar tmurx fit-tul.*
*Hemm ftit metri ħdejn il-villa,*
*Li kont minnek nibni pool.*

- **Volta**?/ Tidwira fil-ħsieb?
- L-ambjent donnu qed iqum imma hemm l-insistenza ta' bini fejn it-tort tal-qerda tal-ambjent xorta jitpoġġa fuq il-bniedem.
- *Isma' x'qed jgħidulek:* Min?
- *Fit-tul*: Xi jrid ifisser biha? Jidħol il-**kunċett filosofiku** taż-żmien u l-ħin?
- Minn *metru* saru *metri*!
- *Li kont minnek*: Il-kmand sar suġġeriment.
- *Pool*: Xi ħaġa artifiċjali; kelma kontemporanja; meħuda mil-lessiku ta' kuljum; minn diskors il-poplu.

*U  jaqbillek tinsa l-baħar*

*Għax mid-dehra tah tal-qamar:*

*Tmurx fix-xemx  u tmurx fid-dlam*

*Għax imtela tilja bram.*

- **Polsindeto**
- **Lessiku** meħud mid-dinja naturali; tal-poplu li qed jużah b'mod oriġinali; sempliċi imma effettiv.
- **Idjoma; personifikazzjoni:** iġġennen.
- Mifsud dejjem qed jislet il-kliem mid-**dinja naturali**.
- *Xemx*: Seta' uża dawl.
- *Dlam*: Seta' uża qamar. X'inhu l-**effett** ta' dan?
- Mhix kawża naturali imma tort tal-bniedem. Qed ikompli juri kif bl-azzjonijiet tal-bniedem qed neqirdu l-ambjent.

*Aqta' fjura u ibni kamra.*
*Jiena nifhem: 'tini widen;*
*Meta mbagħad tkun lest minn kollox,*
*Ħu nifs qawwi u mur ndifen.*

- **Ritornell**; l-effett ta' enfasi fuq il-qerda.
- L-**assigurazzjoni** tal-poeta li jifhem fil-bini (jew fil-qerda tal-ambjent) tassew fl-aħħar tal-poeżija.
- Interpretazzjoni?
- Ħu nifs għax lest?
- **Kuntrast**: Jekk se tieħu nifs (għadek ħaj) kif tindifen?
- It-tbatija biex tieħu n-nifs fin-nuqqas ta' ambjent **san**
- *Mur indifen*, litteralment?
- Ġaladarba tkun qridt l-ambjent kollu ta' madwarek kulma jkun jonqsok hu li tinqered int?
- **Stqarrija qawwija**.

# It-Temi tal-poeżija

- Il-qerda tal-ambjent/ L-ambjent
- L-egoiżmu tal-bniedem/ Il-bniedem
- Is-superjorità
- Il-progress vs rigress?

# Ideat għall-klassi

- Turi xi stampi fil-bidu u anke xi flexxkards jew stampi tal-kliem ewlieni  inti u taqra l-poeżija.

Fjura

Progress

Qerda

Natura

Kamra





# Ideat oħra



- Tagħti sitwazzjonijiet differenti sabiex l-istudenti jħaddmu l-kmand.



- Tibda l-lezzjoni b'xi aħbarijiet/gazzetti marbuta mat-temi tal-poeżija.

TMIEM

*Grazzi!*